**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**AlnaFouri Mohamad Nour**

Numru 260/2014

Illum 25 ta' Gunju 2020

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **AlnaFouri Mohamad Nour**, ta' dsatax (19) il-sena, iben Radnour u Kalat, imwieled is-Syria nhar it-23 ta' Marzu 1994, residenti gewwa Flat No 1, Block 36, Mayfair Court, Triq il-Gejza, Swieqi, u detentur tal-Karta tal-Identita' Maltija bin-Numru 59715(A)

akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar il-15 ta' Marzu 2014:

1. kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta'

Malta, liema droga nstabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr. Anthony J. Vella LL.D. nhar it-30 ta' Ottubru 2013, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-imputat jew huma proprjeta' tieghu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli, u dan *ai termini* ta' l-Artikolu 22A ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) u ta' l-Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, tordna lill-imputat ihallas lir-Registratur tal-ispejjez kollha jew parti minnhom li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk ta' l-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-Process Verbal ta' l-inkjesta, f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni *ai termini* ta' l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 5) datat 16 ta' Marzu 2014 fejn, bis-sahha ta' Artikolu 22(2) ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), l-Avukat Generali ordna li l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat il-Process Verbal bin-Numru 249/14 (*a fol.* 56 *et seq.*) redatt mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman, liema Process Verbal jirrigwarda *"sejba ta' ammont konsiderevoli ta' droga suspettata haxixa tal-cannabis gewwa borza tal-plastic wara cint fi plot fi Triq il-Gejza, Swieqi, nhar l-14 ta' Marzu 2014"*.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mill-Prim'Imhallef Emeritus Silvio Camilleri (*a fol.* 289 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tat-2 ta' Settembru 2015 (*a fol.* 317), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat illi, in segwitu ta' Rikors ipprezentat quddiem il-Qorti Kriminali fl-4 ta' Lulju 2016 (*a fol.* 361 *et seq.*) mill-imputat AlnaFouri Mohamad Nour, fil-25 ta' Lulju 2016 il-Qorti Kriminali ddegretat is-segwenti: *"Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, it-talba tar-rikorrenti jisthoqqilha akkoljiment, b'dan ghalhekk illi l-Qorti tordna li r-rikorrenti ghandu jigi gudikat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (fil-kompetenza kriminali taghha) u tordna wkoll illi l-proceduri ghandhom hemmhekk jitkomplew fl-istadju precedenti l-eghluq tal-provi tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Prosekuzzjoni jkollha l-opportunita' tressaq dawk il-provi kollha li jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi tal-kaz"* (*a fol.* 370 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tal-15 ta' Frar 2017 (*a fol.* 393), lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-kaz.

Semghet, fis-seduta tat-12 ta' Frar 2019, lill-imputat jixhed min jeddu u b'mod volontarju (*a fol.* 415 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2019, lix-xhud prodott mid-difiza (*a fol.* 433 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2020 (*a fol.* 438), lid-difiza tiddikjara li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dawn il-proceduri.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni mibghuta *b'email* fil-11 ta' April 2020 (*a fol.* 439) fiz-zmien meta r-Registru tal-Qorti kien maghluq minhabba l-COVID-19, liema Nota ta' Sottomissjonijiet gietypprezentata formalment fir-Registru tal-Qorti fil-5 ta' Mejju 2020 (*a fol.* 445) u dan in segwitu ta' Digriet moghti fl-4 ta' Mejju 2020 (*a fol.* 444).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza pprezentata fil-11 ta' Gunju 2020 (*a fol.* 455 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2014, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Nikolai Sant** (*a fol.* 14 *et seq.*) fejn spjega li fl-14 ta' Marzu 2014 ghall-habta tat-8.30pm rcieva informazzjoni kunfidenzjali li certu AlnaFouri Mohamad Nour, cioé l-imputat, deher jahbi xi basket wara cint f'ghalqa li tinsab fi Triq il-Gejza, Swieqi. Jghid li huwa nforma lil PS 1174 Adrian Sciberras, lil PS 518 Anthony Degiovanni u lil PC 213 Nikolai Borg biex imorru fuq il-post sabiex jivverifikaw ir-rapport li kien ircieva. Spjega li meta l-ufficjali tal-Pulizija msemmija marru fuq il-post sabu basket li fih l-ufficjali msemmija nnuttaw li kien hemm ammont sostanzjali ta' haxix hadrani suspettat haxixa tal-*cannabis*. Jghid li nforma lill-Magistrat tal-Ghassa fejn infethet Inkjesta Magisterjali. Spjega li t-talba tieghu lill-Magistrat tal-Ghassa sabiex il-kontenut tal-basket in kwistjoni jigi mibdul giet milqugha u dana sar sabiex seta' jigi osservat il-persuna li tmur tigbor il-basket. Jixhed li l-kontenut tal-basket gie elevat u mehud mill-Pulizija, intefghu fih bicciet hziena u l-basket rega' tpogga fl-istess post minn fejn kien elevat, ittiehdu numru ta' ritratti u bdiet osservazzjoni fuq il-post. Spjega li l-ghada fil-15 ta' Marzu 2014 ghall-habta tal-5.30pm deher l-imputat gej bil-vettura, waqaf fuq il-post, mar wara c-cint u deher jigbor il-basket u beda mixi lejn id-direzzjoni ta' blokka bl-isem ta' Mayfair Court, liema blokka tmiss ma' ghalqa fejn instab il-basket, fejn il-Pulizija kellhom

informazzjoni li l-imputat kien jghix. Jghid li hekk kif l-imputat kien sejjer fl-entratura tal-blokka msemmija, waqaf u rega' dar u mexa lejn ic-cint. Jghid li kien f'dan il-mument li l-Pulizija waqfu u arrestaw lill-imputat. Jispjega li l-Pulizija li arrestaw lill-imputat kienu PS 518 Anthony Degiovanni, PC 1500 Alfred Cutajar, PC 243 Clayton Frendo, PC 1348 Joseph Campbell, u WPC 23 Geraldine Buttigieg. Jixhed li wara li l-imputat gie arrestat, saret tfittxija fl-appartament tieghu gewwa Mayfair Court li jinsab fl-istess triq, flimkien mat-tfajla tieghu Greta Grassi. Jispjega li t-tfajla tal-imputat kienet mieghu fil-vettura hekk kif wasal bil-vettura aktar kmieni. Spjega x'inghad lilu meta saret tfittxija fuq l-imputat u spjega wkoll li huwa gie nfurmat b'dak kollu li kien gara u li ta ordni biex tinfetah il-bokka tal-katusa tad-dranagg sabiex tigi elevata l-borza li l-imputat inghad li kien rema'. Jghid x'irrizulta meta nfethet din il-bokka u x'gie elevat. Spjega wkoll x'irrizulta minn tfittxija li saret fir-residenza tal-imputat, f'liema hin hu (l-iSpettur Sant) kien prezenti fuq il-post. Jghid li gie nnutat li kien hemm komodina li kellha l-wicc sfrundat, liema komodina kienet tinsab taht tieqa li taghti ghall-*shaft* u gie nnutat li t-tarf ta' din it-tieqa fuq il-komodina kien mikul ukoll u jispecifika li bil-kelma "mikul" jifhem li qisu xi hadd rifes fuq it-tarf tat-tieqa biex jaccedi ghal gewwa tax-*shaft*. Jghid li tkompliet tfittxija fix-*shaft* fejn gie nnutat li l-imsemmi *shaft* kien jaghti ghall-appartament iehor, it-tieqa ta' liema appartament l-iehor kienet imkissra u fejn gie nnutat li kien hemm borza tal-plastik sewda li fiha kien hemm ammont konsiderevoli suspettat *cannabis* resin. Jirrizulta li l-imputat irrilaxxa stqarrija u jghid li l-imputat ezercita d-dritt li jkellem avukat tal-ghazla tieghu u filwaqt li t-tfajla tieghu Greta Grassi kienet ghazlet li ma tiehux dan il-parir pero' jghid li giet rilaxxata wara li saret l-investigazzjoni. Ezebixxa numru ta' affarijiet, fosthom l-istqarrija rilaxxata mill-imputat (Dok. "NS 3" – *a fol.* 20 *et seq.*).

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Nikolai Sant** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduti tad-19 ta' Gunju 2014 (*a fol.* 136) u tal-10 ta' Marzu 2015 (*a fol.* 253) fejn ezebixxa sentenza moghtija fit-30 ta' Ottubru 2013 fil-konfront ta' AlnaFouri Mohamad Nour, detentur tal-Karta

tal-Identita' bin-Numru 59715(A) (Dok. "NS" – *a fol.* 138 u Dok. "NSA" – *a fol.* 255).

In kontro-ezami, li nbeda fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2018 (*a fol.* 406 *et seq.*), ghad-domanda min kien kera l-post ta' residenza tal-imputat u t-tfajla tieghu Greta Grassi, wiegeb: *"Huma t-tnejn flimkien ghandi miktub fl-istatement"* (*a fol.* 406). Mistoqsi jghid jekk kopja tal-kuntratt ghandux jew giexipprezentat, wiegeb: *"Le minn dak li qaluli huma kont interrogajt lilha wkoll. Hi kienet ilha xi gimgha toqghod hemmhekk"* (*a fol.* 406). Ikkonferma li kienu jghixu flimkien. Ikkonferma wkoll li f'din il-kawza l-Pulizija ddecidiet li tressaq biss lill-imputat u qal li l-imputat qalilhom li la hu u lanqas Grassi ma kellhom x'jaqsmu xejn mas-sustanzi li nstabu.

In kontro-ezami, li tkompla fis-seduta tat-12 ta' Frar 2019 (*a fol.* 411 *et seq.*), jghid li mill-investigazzjoni ma jidhirlux li kien gab il-kuntratt tal-kera. Ikkonferma li Greta Grassi kienet tghix hemmhekk. Ghad-domanda jekk Grassi kelliex xi kawzi ohra relatati ma' droga, jghid darba minnhom kien quddiem il-Qorti kif preseduta u ra li Greta Grassi kellha kawza ma' imputat iehor, liema kawza jghid ma ghandha x'taqsam xejn ma' dik odjerna. Ikkonferma li meta ttiehdet l-istqarrija tal-imputat kien fiz-zmien meta ma kienx jezisti l-access ghall-avukat waqt it-tehid tal-istqarrija.

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2014, xehed ukoll **PS 1174 Adrian Sciberras** (*a fol.* 23 *et seq.*) fejn spjega li fl-14 ta' Marzu 2014 sar kuntatt mieghu mill-iSpettur Sant fejn, in segwitu ta' dak li qallu, ghall-habta tat-8.30pm-9.00pm mar fuq il-post fi Triq il-Gejza, Swieqi li huwa jiddeskrivi bhala ghalqa kbira *ossia plot* mhux mibni, fejn hemm sigar u haxix kbir u hekk kif ittawwal wara cint ra li kien hemm basket tal-plastik abjad. Exebixxa zewg ritratti (Dok. "AS" – *a fol.* 27) mehuda minnu fejn filwaqt li wiehed mir-ritratti juri kif kien il-basket wara c-cint qabel gabru, l-iehor juri dak li nhareg minnu. Jghid li wara c-cint ma kienx hemm basktijiet ohra ghajr ghal dak li semma. Jispjega li hekk kif ha l-basket minn wara c-cint u mar fil-vettura, hekk kif fetah il-basket go fih ra li kien hemm borza tal-plastik trasparenti u go fiha kien hemm sustanza

suspettata haxixa. Jghid li gie nfurmat b'dan l-iSpettur u gie moghti struzzjoni sabiex ibiddel il-kontenut u jerga' jpoggi l-basket fejn kien wara li jigi mibdul. Isemmi li tefa' xi craret fih u jghid li rega' pogga l-baskett fejn kien u li minn dak il-hin baqghu josservaw jekk javvicinax xi hadd. Jghid li l-ghada 15 ta' Marzu 2014 ghall-habta tal-5.30pm mar l-imputat u li josservaw ic-cint kienu hu (PS 1174) u kif ukoll PC 213 li kien qed jiffilma dak li kien qed jigri. Jispjega li l-imputat gie nnutat javvicina c-cint, f'liema hin gew infurmati l-*units* li kienu f'zewg vetturi, li fihom kien hemm PS 518, PC 1348, PC 243, PC 1500, u WPC 23. Jixhed li hekk kif l-imputat deher javvicina c-cint, *"kif qabad il-basket, rajtu jigifieri hu resaq lejn ic-cint u ghamel dan il-moviment. L-ewwel hares l-isfel lejn ic-cint, dara dawra qisu hekk jara hemmx xi hadd madwaru u dendel idu u gibed il-basket"* (*a fol.* 25). Jghid li ra lill-imputat jaqbad il-basket u beda mixi bih fid-direzzjoni tar-residenza tieghu, li jghid hija hames metri boghod mic-cint. Kompla jixhed: *"Biss waqt li kien sejjer lejn dik id-direzzjoni deher jaghmel imbaghad moviment iehor speci hares lejn il-basket li probabbli ma nafx jista' jkun nduna bil-kontenut u rega' kien sejjer lura lejn ic-cint, pero' lahqu gew il-units li kellna fuq barra u waqfuh qabel ma jerga' jersaq lejn ic-cint, waqfuh jigifieri bil-basket f'idu"* (*a fol.* 26).

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2014, xehed ukoll **PS 518 Anthony Degiovanni** (*a fol.* 28 *et seq.*) fejn qal li fl-14 ta' Marzu 2014 kienet giet ricevuta informazzjoni li certu Mohamad Nour AlnaFouri kien heba xi basket tal-plastik abjad wara cint ta' ghalqa fi Triq il-Gejza, Swieqi. Jghid li mar fuq il-post flimkien ma' PS 1174 u PC 213, gie ccekkjat il-basket u li fih kien hemm suspettata *cannabis grass*. Jghid li giet infurmata l-Magistrat tal-Ghassa u jispjega li gie mibdul il-kontenut tal-basket bi bcejjec li sabu u minn dak il-hin bdiet osservazzjoni fuq il-post. Jixhed li fil-15 ta' Marzu 2014 ghall-habta tal-5.30pm x'hin l-imputat resaq lejn il-basket, qabad il-basket, beda mixi lejn l-appartament tieghu, lejn il-vettura tieghu, u jghid li kellhom struzzjoni biex iwaqqfuh u l-imputat gie mwaqqaf. Jghid li hu kien jinsab fi triq ohra jistenna sabiex jinghataw struzzjonijiet minn ghand min kien qed josserva. Jghid li hu gie nfurmat minn PS 1174. Jixhed li l-imputat gie mwaqqaf u li minn tfittxija li saret fuqu nstabu zewg *mobiles* u mija u tletin Euro (€130) u minn hemm ipprocedew ghall-vettura, fejn kien hemm it-tfajla tieghu Greta

Grassi. Jispjega li ma nstab xejn relatat mad-droga la minn tfittxija li saret fuq Grassi u lanqas minn tfittxija li saret fuq il-vettura tal-ghamla Alfa Romeo bin-numru ta' registrazzjoni DBQ 586. Jghid li minn tfittxija li saret fl-appartament tal-imputat, u cioé 36, Mayfair, Flat 1, Triq il-Gejza, Swieqi, f'kamra minnhom li hu jsejjhilha bhala *boxroom* hemm tieqa li taghti ghal *shaft*, liema tieqa kellha l-hogor taghha daqxejn imtajjar, fetah it-tieqa u ttawwal fejn ra li kien hemm post accessibbli mix-*shaft* u ghall-ewwel l-imputat oggezzjona li jidhol hemm, imbaghad gie nfurmat l-iSpettur, mar l-iSpettur u flimkien mal-imputat telghu fix-*shaft* u mix-*shaft* stess gew go flat abbandunat li kien inharaq ftit taz-zmien qabel fejn kien hemm *garbage bag* li kien jikkontjeni xi boroz b'suspettata rezin. Jixhed li waqt li kienet qed issir tfittxija fl-appartament, l-imputat talab li jidhol it-*toilet*, gie mitlub li jsir *strip search* fuqu u waqt li kien qed isir dan l-*istrip search*, l-imputat dahhal idejh fejn il-parti ntima tieghu, dahhal idejh got-*toilet* u flaxxja fl-istess hin. Jghid li hu ra qisha xi borza tal-plastik nizla u ttiehdet d-decizjoni biex titkisser il-kaxxa tax-*shaft* tad-dranagg minn fejn gew migbura madwar hames pakketti suspettati *cannabis grass*.

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2014, xehed ukoll **PC 1500 Alfred Cutajar** (*a fol.* 32 *et seq.*) fejn qal li fl-14 ta' Marzu 2014 dahlet informazzjoni li l-imputat kien ghadu kemm heba basket ta' lewn abjad fi Triq il-Gejza, Swieqi. Jghid li bdiet osservazzjoni u l-ghada 15 ta' Marzu 2014 ghall-habta tal-5.30-5.40pm rcievew struzzjonijiet minn ghand PS 1174 li l-istess persuna deher jigbor l-istess basket minn wara c-cint u huma marru biex iwaqqfuh. Jghid li l-imputat gie mwaqqaf u hekk kif waslu l-imputat halla l-basket mal-art u malli staqsewh x'kien hemm fil-basket, wiegeb li fil-basket kien hemm iz-zibel. Jghid li saret tfittxija fuq l-imputat fejn qabel saret, hu (PC 1500) staqsieh jekk kellux xi haga llegali jew xi haga li setghu jwegghu, fejn l-imputat wiegeb fin-negattiv, tkompliet it-tfittxija fejn minn fuqu nstabu xi flus u zewg *mobile phones*. Jispega li saret tfittxija fil-vettura tieghu Alfa Romeo bin-numru ta' registrazzjoni DBQ 586 f'liema vettura kien hemm it-tfajla tal-imputat bl-isem ta' Greta Grassi fejn minn tfittxija li saret fuqha u fil-vettura ma nstab xejn relatat mad-droga. Jghid li fil-prezenza tal-imputat, saret tfittxija fir-residenza li tinsab Flat 1, Mayfair, Triq

il-Gejza, Swieqi fejn spjega li minn go *safe* fil-kamra tas-sodda gew elevati xi flus. Jixhed li hekk kif kienu ser jidhlu sabiex jaghmlu tfittxija fil-*boxroom*, l-imputat talab li jaghmel *toilet* u hekk kif kienet qed issirlu *strip search*, l-imputat ta s-salt, nehha xi haga mill-parti privata tieghu, ramiha got-*toilet* u fflaxxja x-xoghol suspettat droga got-*toilet*. Jghid li mbaghad mar PC 642 li haffer il-konka fejn gew imtella' hames pakketti suspettati *grass*. Jghid ukoll li mill-kamra tal-banju giet elevata bicca raza li kienet taht is-*sink*. Jispjega li tkompliet it-tfittija fejn qal li l-*boxroom* kellha tieqa u minn go din it-tieqa PS 518 flimkien mal-iSpettur Sant elevaw *garbage bag* fejn fiha kellha wkoll ammont ta' raza. Jghid li minn hemmhekk l-imputat gie mittiehed id-Depot ghal aktar stharrig.

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2014, xehed ukoll **PC 1348 Joseph Campbell** (*a fol.* 36 *et seq.*) fejn qal li fil-15 ta' Marzu 2014 mar is-Swieqi flimkien ma' PC Clayton Frendo. Spjega li ghall-habta tal-5.30pm gie nfurmat illi l-imputat kien wasal fuq il-post u li kien mar jigbor basket minn gewwa ghalqa li tinsan vicin ir-residenza tieghu u fejn gew infurmati biex iwaqqfu lill-imputat. Jghid li hekk kif gie mwaqqaf l-imputat, l-imputat kellu basket tal-plastik f'idejh. Jghid li saret tfittxija kemm fuq l-imputat u kif ukoll fil-vettura li kien wasal biha, f'liema vettura kien hemm it-tfajla tieghu fejn saret tfittxija fuqha wkoll. Jghid li dahlu fir-residenza tal-imputat u bdiet issir tfittxija. Jispjega li f'hin minnhom l-imputat infurmahom li kellu bzonn jaghmel *toilet* u li PS Degiovanni u PC 1500 dahlu mieghu jaghmlulu *strip search*. Jghid li hin minnhom instema' ghajjat u hu (PC 1348) dahal jigri fejn gie nfurmat li l-imputat kien flaxxja xi haga fit-*toilet* u ma' l-art fil-kamra tal-banju nstabet bicca raza zghira wkoll. Jghid li l-iSpettur Nikolai Sant gie nfurmat b'dak li kien qed jigri fejn hu (PC 1348) flimkien ma' kollegi tieghi talbu biex jaqilghu l-konka li tinsab ezatt wara t-*toilet*. Jghid li aktar tard mar PC 642. Fil-frattemp komplew bit-tfittxija fid-dar fejn f'kamra minnhom li sejhilha speci ta' *boxroom* kien hemm tieqa u l-hogor taghha kien imtajjar u kif staqsa lill-imputat, l-imputat qallu li hemm barra mhux tieghu u ma kellux x'jaqsam mieghu u beda jirrifjuta li johrog. Jghid li gie nfurmat l-iSpettur Sant li mar fuq il-post u jixhed: *"hemmhekk hareg maghna Nour f'din il-bicca shaft li access ghalih hemm biss minn din it-tieqa minhabba li l-post huwa kollu*

*mahruq u kif dhalna f'dan ix-shaft hemm tieqa ohra li taghti ghal din id-dar mahruqa. Kif ittawwalna minnha hemmhekk kien hemm basket tal-plastik taz-zibel ta' kulur iswed li go fih kien hemm bicciet tar-rezin suspettati rezin tal-kannabis, ammont konsiderevoli"* (*a fol.* 37). Jghid li ma nstab xejn aktar minn tfittxija aktar intensiva li saret gol-post mahruq. Jispjega li malli wasal fuq il-post PC 642 tkisskret il-konka, saret tfittxija god-dranagg fejn hemmhekk ftit il-gewwa fil-katusa gew innutati xi boroz. Jghid li PC 1500 sab bicca hadida li biha gibed l-affarijiet minn gol-katusa u jghid li ngibdu hames boroz tal-plastik zghar li go fihom kien hemm xi haxix li kien suspettat li huwa *cannabis grass.*

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2014, xehed **PC 213 Nikolai Borg** (*a fol.* 65 *et seq.*) fejn qal li fl-14 ta' Marzu 2014 kien xoghol flimkien ma' PS 1174 u wara li PS 1174 ircieva telefonata minn ghand l-iSpettur Nikolai Sant, marru fi Triq il-Gejza, Swieqi fejn inghad li l-imputat kien heba basket wara cint u meta marru fuq il-post indikat, hekk kif ittawwlu wara cint raw li kien hemm basket. Jispjega li PS 1174 ffotografa dan il-basket, refghu l-basket u grew bih sal-kantuniera. Jghid li hekk kif waslu fil-kantuniera, PS 1174 fetah il-basket u nnota li fih kien hemm haxixa suspettata *cannabis*. Jispjega li PS 1174 informa lill-iSpettur Sant u wara xi hin l-iSpettur Sant qallu biex ibiddel il-kontenut u sabiex jerga' jpoggi l-basket f'postu u jibdew osservazzjoni. Jghid li hu pogga xi craret gol-basket, PS 1174 ghamel ghoqda u regghu poggew il-basket f'postu. Jispjega li l-ghada 15 ta' Marzu 2014 ghall-habta tal-5.00pm kien ghadu qed josserva l-basket u li wara l-5.00pm ra lill-imputat javvicina l-basket, rah jittawwal wara c-cint, rah idahhal idejh fejn refa' l-basket u beda miexi bih. Jispjega li PS 1174 tahom struzzjonijiet biex il-membri l-ohra tad-*Drug Squad* iwaqqfu lill-imputat. Huwa gibed dan kollu fuq filmat li gie pprezentat bhala Dok. "NB" (*a fol.* 68).

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid minn liema gurnata beda jigbed il-filmat li ghamet riferenza ghalih waqt id-depozizzjoni tieghu, wiegeb li peress li *"l-post kien antipatku biex nigbed, gbidt biss meta rajt persuna tavvicina l-basket"* (*a fol.* 66). Mistoqsi jghid fejn kien il-basket meta mar il-gurnata ta' qabel, wiegeb li kien ftit il-boghod

mir-residenza ta' fejn kien qieghed joqghod l-imputat. Jghid li hemm huwa post residenzjali.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2014, xehed ukoll **PC 243 Clayton Frendo** (*a fol.* 69 *et seq.*) fejn spjega li fil-15 ta' Marzu 2014 kien fiz-zona ta' Triq il-Gejza, Swieqi u bdew jistennew struzzjoni minn PS 1174 biex imorru lejn AlnaFouri Nour hekk kif jersaq lejn basket li, mill-informazzjoni li gew moghtija, il-gurnata ta' qabel deher ipoggi basket go plot vicin l-appartament fejn joqghod. Jixhed li dakinhar tal-15 ta' Marzu 2014 ghall-habta tal-5.20pm deher l-imputat riesaq lejn il-basket u PS 1174 qalilhom biex imorru hemm. Jixhed: *"Ahna morna hemmhekk, jiena x'hin wasalt rajt lil Nour kellu l-basket f'idu u x'hin ra lilna gejjin dahal tefa' l-basket ma' l-art"* (*a fol.* 69). Jghid li minn tfittxija li saret fuqu nstabu mija u tletin Euro (€130) u zewg *mobiles*. Jixhed li saret ukoll tfittxija fil-vettura Alfa Romeo bin-numru ta' registrazzjoni DBQ 586 li kien biha l-imputat f'liema vettura ma nstab xejn relatat mad-droga. Jghid li fil-vettura kien hemm ukoll it-tfajla tal-imputat, cioé Greta Grassi, li minn tfittxija li saret fuqha, ma nstab xejn relatat mad-droga. Jispjega li hekk kif dahlu fir-residenza tal-imputat u bdew jaghmlu tfittxija, hekk kif avvicinaw il-*boxroom* fejn kien hemm *washing-machine* u tieqa, l-imputat deher naqra ecitat u hekk kif dahlu fiha, fuq il-hogor tat-tieqa tal-kamra kien hemm ix-xifer li kien imtajjar u kien hemm qisu *footmark* mhux daqshekk car. Jghid li raw li kien hemm *shaft* u jispjega li ghal bidu l-imputat beda jghidilhom li hemmhekk ma kellux x'jaqsam mal-proprjeta' tieghu. Spjega li PC 1348 informa lill-iSpettur Sant, l-imsemmi Sant mar fuq il-post imbaghad nizlu fix-*shaft*. Jixhed: *"Fix-shaft bhat-tieqa li kellu ta' dan ix-shaft kien hemm tieqa ohra li taghti ghal go appartament iehor li kien mahruq dan l-appartament u kien hemm tieqa li taghti, li hija komuni f'dan ix-shaft"* (*a fol.* 70). Jghid li go dan l-appartament l-iehor kien hemm *washing machine* mahruqa u fuqha nstabet *garbage bag* sewda li fiha kien hemm zewg boroz ohra. Jghid li x'hin infethu dawn iz-zewg boroz, fihom kien hemm zewg boroz raza. Jghid li wara din is-sejba, l-imputat talab li jidhol fit-*toilet* u li mieghu dahlu PS 518 u PC 1500 u waqt li kienu gewwa, seta' jisma kommozzjoni, mar biex jara x'kien gara u PS 518 qallu li l-imputat kien ha xi haga minn fejn il-parti tieghu u fflaxxjaha fit-*toilet*. Jghid li aktar tard marru Pulizija ohra li

kissru l-bicca ta' wara tat-*toilet* u sabu xi affarijiet f'liema hin hu (PC 243) ma kienx hemmhekk. Ezebixxa kopja tal-*prime note* li gew immarkati bhala Dok. "CF" (*a fol.* 72).

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2014, xehed ukoll **PS 122 Arthur Borg** (*a fol.* 73) fejn qal li fil-15 ta' Marzu 2014 gie nnominat mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman sabiex jaghmel xoghol ta' *Scene of Crime* gewwa l-fond Flat 1, Numru 36, Mayfair Court, Triq il-Gejza, Swieqi. Jghid li eleva tliet affarijiet li gew mghoddija lill-Espert Godwin Sammut fil-25 ta' Marzu 2014. Ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "AB" (*a fol.* 75 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2014, xehed ukoll **PS 385 Emanuel Dalli** (*a fol.* 79) fejn qal li fil-15 ta' Marzu 2014 gie nnominat mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman bhala *Scene of Crime Photographer* dwar sejba ta' sustanza suspettuza droga gewwa 36, Mayfair Court, Triq il-Gejza, Swieqi. Ezebixxa r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala Dok. "ED" (*Envelope Loose*).

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2014, xehed ukoll **PC 642 Joseph Camilleri** (*a fol.* 81 *et seq.*) fejn qal li fil-15 ta' Marzu 2014 kellu struzzjonijiet minn ghand l-iSpettur Sant biex imur fi Blokk 36, Flat 1, MayFair Court, Triq il-Gejza, Swieqi u li hekk kif mar sab membri ohra tad-*Drug Squad* u l-imputat. Jghid mar hemm biex jiftah il-kaptelli tad-dranagg u li hekk kif dawn il-kaptelli gew miftuha, ra speci ta' borza naqra l-gewwa gol-katusa.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-kaptelli fetahhom billi dahal gox-*shaft* minn got-tieqa tal-kamra tal-banju. Jghid li xoghlu kien biss li jiftah il-kaptelli.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2014, xehed **ix-Xjenzat Godwin Sammut** (*a fol.* 121 *et seq.*) fejn qal li fit-8 ta' April 2014 gie moghti dokument minn ghand PS 186 Kristian Mintoff li kien jirrigwarda sejba ta' sustanza droga gewwa s-Swieqi fil-15 ta' Marzu 2014. Ezebixxa r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala Dok. "GS" (*a fol.* 123 *et seq.*).

**Ix-Xjenzat Godwin Sammut** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-31 ta' Lulju 2014 (*a fol.* 150 *et seq.*) fejn spjega li kien nominat fl-Inkjesta Magisterjali sabiex jaghmel analizi ta' xi sustanzi li nstabu fil-fond Flat 1, 36, Mayfair Court, Triq il-Gejza, Swieqi. Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "GS" (*Envelope Loose*).

**Ix-Xjenzat Godwin Sammut** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2015 (*a fol.* 243) fejn qal li l-inkarigu tieghu gie estiz sabiex jaghmel analizi f'kampjun li kien ipprezerva PS 659 Jeffrey Hughes. Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "GS 1" (*a fol.* 245 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2014, xehed ukoll **PS 659 Jeffrey Hughes** (*a fol.* 132) fejn qal li fis-7 ta' April 2014 kien ircieva dokument minn PS 186 Kristian Mintoff sabiex jezaminah ghall-impronti digitali. Jghid li dan kien jikkonsisti minn borza tal-plastik trasparenti. Spjega li huwa ezaminah u gew zviluppati xi impronti digitali fuq il-borza tal-plastik. Ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "JH" (*Envelope Loose*).

**PS 659 Jeffrey Hughes** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-16 ta' Dicembru 2014 (*a fol.* 218 *et seq.*) fejn spjega fiex kien jikkonsisti l-inkarigu moghti lilu u fejn ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "JH" (*Envelope Loose*). Spjega li waqt li kien qed jiftah dokument go borza partikolari sab bicca *foil* imgezwra u go fiha kien hemm kampjun zghir b'sustanza kannella. Jghid li din ha hsieb li jipprezervaha.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2014, xehdet ukoll **WPC 23 Geraldine Buttigieg** (*a fol.* 134 *et seq.*) fejn spjegat li fl-14 ta' Marzu 2014 ghamlu osservazzjoni wara li gew infurmati li l-imputat kien heba basket tal-plastik ta' kulur abjad wara cint ta' ghalqa. Tghid li ghall-habta tal-5.20pm l-imputat deher javvicina l-basket fejn rawh ipoggi wara c-cinta fejn imbaghad gie mwaqqaf u gie moghti l-*caution*. Tispjega li fil-vettura Alfa Romeo bin-numru ta' registrazzjoni DBQ 586 kien hemm tfajla Greta Grassi fejn minn tfittxija li saret fuqha u fil-*handbag* taghha rrizultat fin-negattiv.

Tghid li baqghu sejrin fir-residenza Mayfair, 36, Triq il-Gejza, Swieqi.

In <u>kontro-ezami</u> kkonfermat li hija kienet prezenti meta qabel dahlu fir-residenza saru t-tfittxijiet kemm fil-vettura u kemm fuq il-persuna tal-imputat u li dak il-hin ma nstab xejn.

Illi, fis-seduta tal-31 ta' Lulju 2014, xehed **Joseph Mallia** (*a fol.* 148 *et seq.*) fejn spjega li gie awtorizzat jiehu l-*finger prints* u l-*palm prints* ta' AlnaFouri Mohamad Nour u gie wkoll awtorizzat jirtira r-rapport immarkat bhala Dok. "JH" u mhejji minn PS 659 Jeffrey Hughes u dana sabiex jaghmel ezami komparattiv bejn dawn l-impronti u dawk ta' AlnaFouri Mohamad Nour. Spjega li dan l-ezercizzju sar u jghid li kien hemm impronti li kienu tajbin u ohrajn li ma kienux u li minn dawk li kienu tajbin l-ebda impronta ma qablet ma' ta' AlnaFouri Mohamad Nour. Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "JM 2" (*Envelope Loose*).

Illi, fis-seduta tal-31 ta' Lulju 2014, xehdet ukoll **Greta Grassi** (*a fol.* 153 *et seq.*) fejn wara li giet moghtija l-*caution* qalet li l-imputat kien l-gharus taghha u li ma kienux ghadhom flimkien minn madwar erba'-hames xhur qabel xehdet. Tghid li dakinhar tal-akkadut kienu s-Swieqi, l-imputat kien ghadu kemm mar ghaliha x-xoghol u hi kienet tinsab fil-vettura. Tispjega li l-imputat nizel mill-vettura u qalilha biex tistennih fil-vettura u f'hin minnhom rat lill-Pulizija jmorru ghalih u jarrestawh. Tghid li mbaghad marru fuqha u saret tfittxija kemm fuqha u kif ukoll fil-vettura u kif ukoll fid-dar li kienet tinsab f'Mayfair Court. Tghid li wara xi hin il-Pulizija sabu basket iswed u dana sabuh wara li dahlu gol-kamra li aktar tard issejhilha bhala *boxroom* fejn tghid kienu jzommu l-hwejjeg meta kienet tonxorhom, hargu mix-*shaft* u dahlu go dar ohra. Tghid li meta l-Pulizija fethu l-basket fih sabu xi droga. Ghad-domanda jekk hija kinitx taf b'xi haga fuq dawn id-drogi, wiegbet fin-negattiv. Mistoqsija tghid jekk lill-imputat qattx ratu jaghmel xi haga suspettuza, wiegbet fin-negattiv u qalet li hi kienet tkun ix-xoghol u li ma tantx kienet tkun mal-imputat. Tghid li kienu jhallsu hames mitt Euro (€500) ghall-kera tal-post fejn kienu jirrisjedu. Tispjega li hi kienet ilha toqghod fil-post madwar gimgha. Tghid li sid l-

appartament kien joqghod fuqhom u li l-kera kienu jhallsuha bejnha u l-imputat. Mistoqsija tghid jekk l-imputat kienx jahdem, wiegbet: *"Jiena kien jghidli li gie li kien jahdem ma' missieru matul il-gurnata, pero' jiena ma kontx inkun mieghu"* (*a fol.* 157). Tghid li hija qatt ma marret fejn kien jahdem missieru. Tghid li hi qatt ma vverifikat li l-imputat kien jahdem u li hi qatt ma ratu fuq xoghol.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2014, xehed **il-Perit Nicholas Mallia** (*a fol.* 180 *et seq.*) fejn spjega x'ikkonstata meta zamm access fuq il-post. Ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "NM" (*a fol.* 184 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2014, xehed **Dr. John Seychell Navarro** (*a fol.* 197 *et seq.*) fejn ezebixxa elenku tal-assi tal-imputat li gie mmarkat bhala Dok. "JSN" (*Envelope Loose*).

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Dicembru 2014, xehed **Dr. Martin Bajada** (*a fol.* 200) fejn qal li gie nominat biex johrog il-kontenut minn fuq zewg cellulari u SIM *cards* taghhom. Ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "MB 1" (*a fol.* 202 *et seq.*)

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Dicembru 2014, xehed **PS 186 Kristian Mintoff** (*a fol.* 220 *et seq.*) fejn spjega li fil-15 ta' Marzu 2014 gie appuntat bhala *Scene of the Crime Officer*. Ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "KM" (*a fol.* 222 *et seq*).

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2015, xehdet **Marisa Borg** (*a fol.* 266) in rapprezentanza tal-*Asset Management Unit* fejn qalet li minkejja li Dr. John Seychell Navarro kien ipprezenta r-rapport tieghu, pero' kien hemm xi risposti ta' xi kumpaniji neqsin peress li ma kienux wegbuhom. Tghid li minkejja li r-rapport gie pprezentat f'Novembru 2014, pero' minn dakinhar ircevew erba' risposti ohra. Ezebiet dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "MB" (*a fol.* 268 *et seq.*)

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2015, xehdu **Dr. Samuel Azzopardi** ghan-nom tas-socjeta' FMG (Malta) Limited (*a fol.* 260 *et seq.*), **Michelle Lundbust** ghan-nom ta' Arch Insurance Brokers (*a fol.* 272

*et seq.*), **Maurice Cordina Borg** in rapprezenta ta' kumpanija (*a fol.* 274), **Chiara Frendo** in rapprezentanza ta' Ganado Services Limited (*a fol.* 276), u **Robert Azzopardi** in rapprezentanza ta' Lion Gate Capital Managament (*a fol.* 278) fejn meta gew mistoqsija jghidu jekk kellhomx assi jew beni mobbli jew immobbli fuq l-imputat AlnaFouri Mohamad Nour, wiegbu fin-negattiv.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Frar 2019, xehed l-imputat **AlnaFouri Mohamad Nour** minn jeddu u b'mod volontarju (*a fol.* 415 *et seq.*) fejn spjega li hu gie Malta meta kien zghir u li mar l-iskola tal-Gzira, kien jahdem go *supermarket* u ghamel zmien jilghab il-futbol mal-Gzira u anke mat-tim nazzjonali Malti. Jghid li ghadu jilghab il-futbol sallum pero' jghid li kien fis-sena 2014 li kien jilghab mat-tim nazzjonali Malti. Spjega li kellu dsatax-il sena fiz-zmien tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tieghu fil-kawza odjerna, f'liema zmien kien johrog ma' certu Greta Grassi u li kien mar jghix maghha s-Swieqi dik il-gimgha u jghid li wara ma jafx fejn marret toqghod. Jghid li wara l-kaz odjern hu u Grassi ma baqghux jiltaqghu. Mitlub jispjega x'gara fir-rigward tal-kaz odjern, wiegeb: *"Dak jien mort nghix mat-tfajla tieghi u dan kont ilni hemmhekk forsi qisu xi gimgha nghix ghandha u kont hrigt narmi z-zibel filghodu. U filghodu x'hin hrigt narmi z-zibel ma kienx hemm zibel fejn il-bieb u hekk u qbadt u waddabtu fl-ghalqa jien hsibt li kulhadd qed ipoggieh fl-ghalqa ghax l-ghalqa kienet mimlija boroz u zibel"* (*a fol.* 417). Jghid li haseb li jpogguh hemm flok hdejn il-bieb. Jispjega li fil-borza kien hemm iz-zibel u jikkonferma li kien hemm karti u mbarazz u jghid li kien hemm affarijiet tad-dar tal-kcina. Ikkonferma li kienu joqghodu go blokka bl-isem ta' Mayfair Court liema blokka tidher bi vlegga fuq ir-ritratt ta' fuq li jinsab *a fol.* 188. Ikkonferma wkoll li fir-ritratt ta' taht li jidher *a fol.* 188 tidher l-ghalqa fejn jghid li mar jarmi z-zibel. Mitlub jispjega ghala ramieh hemm, wiegeb: *"Ghax hemmhekk kien hemm hafna boroz taz-zibel, it-triq kienet vojta nadifa u hemmhekk jien bdejt nghid, ghidt hemmhekk qed jarmu z-zibel, imbaghad qed jigbru z-zibel minn hemmhekk. Jien armejt il-borza hemm fejn kien hemm hafna boroz ohrajn u tlaqt lura lejn id-dar imma jien u sejjer lura lejn id-dar harget mara ghalija li tigi sid l-ghalqa issa jew hi s-sid jew ir-ragel imma wiehed minnhom qaltli li: "Ahna qed inbaghtu l-grieden u dan kollu t-tort taghkom" li ahna qed narmu z-zibel hawn u hatfitni u jien kont kull ilni noqghod hemm maghha gimgha mat-tfajla. U mort nghidilha, ghidtilha:*

*"Isma", ghidtilha: "Hareg ghalija, harget ghalija wahda mara u bdiet tghajjat mieghi ghax jien armejt iz-zibel hemmhekk", ghidtilha: "x'ha naghmel?", ghidtilha "biex ma jkollniex speci inkwiet man-nies", qaltli: "issa ghada aqbad u mur igborha l-borza taz-zibel biex ma jkollniex…"* (*a fol.* 418). Jispjega li kienet Greta Grassi li qaltlu hekk. Jispjega wkoll li hu kellu vettura u li Grassi kienet tkun mieghu. Mitlub jispjega x'gara wara, wiegeb: *"Imbaghad jien u sejjer lura biex nigborha kont hrigt biex ghaddejt jien u hiereg ezatt ghaddejt minn fejn ic-cint u ghidt ha nigbor il-borza, fil-fatt kien hemm hafna boroz, qbadt u qbadt borza bl-amment u kif indur ezatt biex nitfaghha fejn il-bieb ghax qaltli "igborha u itfaghha fejn il-bieb" qaltli: "ghax is-soltu fejn il-bieb jitfawhom", ghidtilha "ghax ma kien hemm xejn dakinhar" u jien u sejjer lura biex nitfa' l-borza fejn il-bieb bdejt nisma' lil xi hadd jghidli "Ieqaf. Ticcaqlaqx" u gew nies jigru lejja. Jien sadattant huma ma kellhomx l-uniformi ta' Pulizija jew xi haga jien ma ndunajtx. Jien waqaft fejn jien, tlaqt il-borza u dort nara x'inhu jigri ghalfejn qed jghajtuli u x'hin waqaft arrestawni u qaluli li ha jfittxuli. Fittxuli fuqi, fil-karozza u ma sabuli xejn"* (*a fol.* 419). Jghid li t-tfittxija tkompliet fid-dar fejn jghid li ma kien hemm xejn u spjega li kien hemm appartament iehor li jinsab fejn l-appartament li kien jghix fih pero' jghid li l-bieb ta' dan l-appartament ma kien rah qatt u l-Pulizija qalulu biex jidhol fih peress li kienu sabu xi haga u jghid li hu ma kienx jaf x'kien qed jigri u x'sabu. Jghid li qallu: *"Jien id-dar tieghi m'hemm xejn, ghidtlu: "jien m'ghandi xejn""* (*a fol.* 420)". Jghid li hu ma riedx jidhol gol-appartament l-iehor ghax ma kienx jaf x'kien hemm fih peress li ma kienx tieghu. Jghid li huwa qatt ma dahal f'dan l-appartament l-iehor. Jixhed li qal lill-Pulizija li ma kienx sejjer maghhom fl-appartament l-iehor li ma kienx tieghu u ma kienx jaf x'hemm fih. Jghid li sar kuntatt mal-iSpettur, wasal l-iSpettur u qallu biex jidhol mieghu u jghid li dahal mal-iSpettur. Jghid li meta dahal, gie muri borza li ma kienx jaf x'kien fiha tant li jghid li ra biss borza sewda. Jghid li gie mistoqsi jghid jekk kienx qed jara l-borza, jghid li wiegeb fl-affermattiv u li rega' ddahhal fl-appartament tieghu u ngabet dik il-borza. Jghid li t-tfittxija fil-vettura, fuqu u fid-dar damet tliet sieghat. Mistoqsi jispjega x'talba ghamel f'hin minnhom, jixhed: *"f'hin minnhom li ridt naghmel toilet ghax kelli speci ta' bdejt inhossni daqxejn hazin ghax kelli qata' ghax ma kontx naf x'inhu jigri speci ta' bil-Pulizija u hekk ecc qisa ghalija u bdejt biex immur naghmel toilet, kelli toilet u bdejt inhossni mdardar, bdejt inhossni hazin, ma bdejtx inhossni sew u fil-fatt xrobt naqra ilma qabel*

*tlabthom l-ilma ghax ma bdejtx inhossni tajjeb u wara mort it-toilet u bdejt inhossni ha nirremetti u x'hin dahhalt idi f'halqi u nzilt fit-toilet biex nirremetti qabduni l-Pulizija u gibduni lura bdew jghiduli biex nieqaf"* (*a fol.* 421). Jghid li nghad lilu li hu kien ha jifta' xi haga fit-*toilet* jew li kien tefa' xi haga fit-*toilet*. Jghid li hu ma ghamel xejn, pero' jghid li hu mar biex jirremetti u li ezatt kif nizel biex jirremetti qabdu u gibduh lura mal-ewwel. Jiftakar li marru jkissru xi *drain* tal-proprjeta' fejn kien joqghod hu u li bdew ifittxu fid-*drain*. Jispecifika li d-*drain* li gie mkisser huwa ta' fejn joqghod hu u tas-sitt appartamenti l-ohra peress li jghid li hemm jew erba' jew sitt appartamenti ohra juzaw id-*drain* u li dak huwa komun ghal kulhadd. Jghid li hu ma jaf b'xejn dwar dak li nstab. Jghid li lilu ghamlulu tfittxija mill-bidu mill-mument li marru fuqu u ma kellu xejn. Jichad li dak li nstab fid-*drain* kien tieghu u jghid li ma jafx ta' min huma.

In <u>kontro-ezami</u> mitlub jispjega ghala rega' mar jigbor lura l-borza li kien pogga fl-ghalqa, wiegeb: *"Ma gbartiex lura Sir jien. Jien il-video urejtuli. Kont tfajt il-borza mbaghad gejtu fuqi intom imma ma ergajtx gbartha"* (*a fol.* 422). Mitlub jispjega x'mar jaghmel hdejn il-borza, wiegeb: *"Il-borza kienet f'idi ma mortx hdejha jien"* (*a fol.* 423). Jghid li kienet f'idu ghax mar jigborha. Jixhed: *"jien mort nigbor borza taz-zibel … imbaghad jien u dort lura bih kif ghidtlek jien smajt lil xi hadd jghid "ieqaf hemm u ticcaqlaqx" u tlaqt il-borza u waqaft fejn..."* (*a fol.* 423). Mistoqsi jghid jekk dik il-borza kinitx l-istess borza li kien pogga filghodu, wiegeb fin-negattiv. Mistoqsi jghid jekk kienx ser jitfa' borza ohra fl-ghalqa, wiegeb: *"Jien tfajt borza taz-zibel u mort nigbor ukoll borza taz-zibel ukoll borza sewda dak il-hin jien ma ftahtiex u qghadt nara x'hemm go fiha u x'hemm barra qed tifhem? Jien qbadt borza just ghalli hi u dort biha lura"* (*a fol.* 423). Ghad-domanda jekk huwa qabadx borza tkun li tkun, wiegeb: *"Tkun li tkun. Hemmhekk hemm hafna boroz, qas li kieku ppruvajt naghzel il-borza tieghi ma kont naghrafha bejn dawk il-boroz kollha jigifieri qbadt wahda li tkun"* (*a fol.* 423). Fir-rigward tal-mument meta ried imur it-*toilet*, li l-verzjoni li qal hu mhux vera u mistoqsi jghid jekk kellux xi haga mohbija fil-qalziet ta' taht, wiegeb: *"Jien fil-qalziet ta' taht ma kelli xejn ghax jien fittxewli fuqi"* (*a fol.* 423). Meta nghad lilu li l-verzjoni li qal ma kinitx veru tant li waqghet bicca sustanza kannella mal-art hdejn it-

*toilet* u bicca got-*toilet*, qal: *"Jien niftakar li kontu sibtu bicca kannella sustanza mal-art u fit-toilet u mhux fejn kont jien imma kienet fin-naha ta' warajkom u fil-kantuniera li lanqas jien ma ndunajt biha lanqas kont naf minn fejn giet jien. Li naf li meta jien dhalt fit-toilet kienu gia kellhom xi haga f'idhom u ghidt forsi jista' jkun waqghet ghax taf kemm kien hemm farka lanqas jien ma stajtx naraha, farka li tghid farka mhux xi haga kbira li vera' jista' jkun waqghet"* (*a fol.* 424).

In ri-ezami jghid li fil-post kien jghix mat-tfajla tieghu. Mitlub jispjega x'ghamel bil-borza li kellu f'idu meta mar jigborha meta l-Pulizija qalulu biex jieqaf fejn kien, wiegeb li hu telaq il-borza, waqaf fejn kien, dar u hares, marru fuqu, gie arrestat u bdew it-tfittxija fuqu. Jghid li fl-ghalqa kien hemm hafna boroz. Jispecifika li anqas tista' ssejhilha ghalqa, pero' jghid li hemm jintrema' z-zibel u li hemm hafna boroz.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2019, xehed **Andy Zammit** (*a fol.* 433 *et seq.*) fejn beda billi jispjega li matul il-gurnata jahdem bhala xufier mal-Malta Public Transport u li bhala delizzju jahdem bhala mekkanik fuq id-dghajjes. Jghid li fis-sena 2010 ghamel habib mal-imputat u talab l-ghajnuna lill-imputat biex jibda jaghmel xoghol mieghu ta' mekkanik u jaghmel *maintenance* fuq id-dghajjes. Jghid li l-imputat kien imur jahdem mieghu wara li l-imputat kien ilesti mix-xoghol ma' missieru (missier l-imputat). Jghid li kellu jitlob l-ghajnuna tal-imputat peress li x-xoghol fuq il-lanec u fuq id-dghajjes huwa wiehed iebes hafna. Jghid x-xoghol kien ikun wiehed varju fejn gie li kien ikun hemm xoghol fuq magna, gie li xoghol ta' xkatlar, zeba' u hafna affarijiet ohra. Jispjega li lill-imputat sabu utili ghalih. Jghid li ma tantx issib nies li jaghmlu dan it-tip ta' xoghol ghax jghid li huwa xoghol iebes hafna. Jghid li l-imputat dejjem zamm il-kelma tieghu. Jixhed: *"Proprju tlajt hawnhekk illum nixhed biex nurih li x-xoghol li jaghmel mieghi napprezzah"* (*a fol.* 434).

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-

imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti processwali jirrizulta li fl-14 ta' Marzu 2014 l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Nikolai Sant rcieva informazzjoni kunfidenzjali fir-rigward tal-imputat fejn inghad lill-iSpettur Sant li l-imputat deher jahbi basket wara cint f'dik li tidher bhala ghalqa abbandunata fi Triq il-Gejza, Swieqi, liema ghalqa tinsab vicin hafna tar-residenza fejn l-imputat u t-tfajla tieghu ta' dak iz-zmien Greta Grassi kienu jirrisjedu. Wara li gew mibghuta numru ta' Pulizija biex jaraw x'kien fih dak il-basket, li wara rrizulta li kien fih id-droga, gie deciz li l-kontenut tieghu jigi mibdul u gie deciz ukoll li l-basket bil-kontenut il-gdid jigi mpoggi mill-gdid wara c-cint fejn instab. Minn osservazzjoni li saret fuq il-post, irrizulta li l-ghada, cioé fil-15 ta' Marzu 2014, l-imputat ha l-basket in kwistjoni minn wara c-cint u hekk kif deher sejjer lejn ir-residenza tieghu, rega' deher idur lura, f'liema hin gie arrestat. Saru numru ta' tfittxijiet, kemm fuqu u kif ukoll fuq Greta Grassi. Instabet aktar droga minn tfittxija li saret f'appartament li l-Pulizija kellhom access ghalih minn *shaft* komuni bejn l-appartament in kwistjoni u l-appartament fejn kienu jirrisjedu l-imputat u Grassi. Jinghad mill-Pulizija li meta l-imputat thalla juza t-*toilet* fuq talba tieghu huwa deher idahhal idejh fil-parti ntima tieghu, dahhal idejh got-*toilet* u flaxxja fl-istess hin u b'hekk gie ordnat li jinfethu l-kaptelli tad-dranagg fejn irrizulta li kien hemm borza naqra l-gewwa gol-katusa. Da parte tieghu, l-imputat xehed li huwa ma kellu x'jaqsam assolutament xejn mad-droga misjuba. Huwa spjega wkoll ghala mar jigbor il-baskett minn wara c-cint qabel gie arrestat.

Illi eventwalment gew intavolati l-proceduri odjerni fil-konfront tal-imputat fejn l-imputat gie akkuzat b'pussess aggravat tal-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha, b'pussess aggravat tar-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u kif ukoll b'recidiva.

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputat, il-Qorti tinnota li jkun opportun li taghmel numru ta'

konsiderazzjonijiet fir-rigward tal-istqarrija (Dok. "NS 3" – *a fol.* 20 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat fis-16 ta' Marzu 2014.

Illi l-Qorti tinnota li minkejja li d-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010 (u cioé qabel l-imputat irrilaxxa l-istqarrija tieghu) u minkejja li l-imputat inghata dan id-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat, tant li jirrizulta li huwa tkellem ma' avukat ta' fiducja tieghu, jirrizulta wkoll li l-imputat ma kellux avukat prezenti mieghu waqt it-tehid ta' tali stqarrija u dana *stante* li dan ma kienx possibbli fiz-zmien meta ttiehdet l-istqarrija in kwistjoni.

Illi l-Qorti hija konxja ta' dak li gie deciz ricentement mill-Qrati Maltin fir-rigward ta' stqarrijiet rilaxxati minn persuni arrestati li nghataw id-dritt li jikkonsultaw ruhhom ma' avukat qabel ittiehdet l-istqarrija taghhom pero' l-avukat ma setghax ikun prezenti waqt it-tehid ta' tali stqarrija (bhal fil-kaz odjern). Il-Qorti hija konxja, fost l-ohrajn, ta' dak li gie deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Dicembru 2018 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Aldo Pistella** u kif ukoll ta' dak li gie deciz mill-istess Qorti aktar ricentement fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Martino Aiello** deciza fis-27 ta' Marzu 2020.

Illi ghal kull buon fini l-Qorti tinnota li l-imputat xehed f'dawn il-proceduri minn jeddu u b'mod volontarju u tinnota wkoll li dak li xehed l-imputat huwa fuq l-istess linji ta' dak li qal fl-istqarrija rilaxxata minnu lill-Pulizija. Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li ma ghandhiex ghalfejn taghmel aktar konsiderazzjonijiet dwar jekk ghandhiex tiehu in konsiderazzjoni l-istqarrija rilaxxata minnu.

Illi l-Qorti ser issa tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) u t-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Pussess Aggravat Tal-Pjanta *Cannabis* Kollha Jew Bicca Minnha)</u>**
**<u>(Pussess Aggravat Tar-Raza Mehuda mill-Pjanta *Cannabis* Jew Xi Preparazzjonijiet Li Jkollhom Bhala Bazi Din ir-Raza)</u>:**

Illi taht dawn iz-zewg imputazzjonijiet l-imputat qed jigi akkuzat b'pussess aggravat. Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Marius Magri** deciza fit-12 ta' Mejju 2005, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kinitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-Prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, *ossia* cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. **Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio** [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga jkun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri** [2.9.1999].)
>
> Illi pero` kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-Gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-Gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi *hard and fast rule* x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assiem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-Gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-Gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma

> jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzjoni possibbli. (App. Krim. **Il-Pulizija vs. Brian Caruana** [23.5.2002])".

Illi fis-sentenza taghha tat-18 ta' Awwissu 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Abela**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet hekk:

> "Li stabbilit li kull kaz irid ikun studjat ghalih, kif ukoll li ndizju wiehed hu bizzejjed biex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-pussess ikun wiehed aggravat, il-Qorti pero` trid tkun sodisfatta mill-provi migjuba li dawn iwasslu ghal din il-konkluzjoni. Meta l-ammont ma jkunx wiehed li normalment jassocja ma' uzu esklussiv da parti tal-possessur, ikun jispetta lill-imputat, imqar fuq bazi ta' probabbilta`, li jipprova li dak kien ghall-uzu esklussiv tieghu w dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101".

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni moghtija fit-2 ta' Settembru 1999 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jason Mallia**, fejn il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

> "Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni [l-*animus* li jispacca d-droga] allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni <u>mhix mehtiega</u> ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali *"li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati"*. Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga <u>li mhix bi hsiebha tuza</u>, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioé li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga *ossia* jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-

droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha".

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Mifsud**, deciza fis-27 ta' Ottubru 2010, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Dwar il-pussess aggravat tajjeb hawn li ssir referenza ghal dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mohammed Ben Hassen Trabelsi** tas-17 ta' Frar 1997 dwar kif il-kwistjoni ta' jekk ammont ta' droga jkunx ghall-uzu esklussiv ta' l-imputat *o meno* ghandha tigi ezaminata: *"l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` l-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-Prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu eskluzziv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu eskluzziv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101""*.

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizulta li l-imputat u Greta Grassi kienu jirrisjedu f'appartament li jinsab fi blokka bl-isem Mayfair Court li tinsab fi Triq il-Gejza, Swieqi. Tali blokka ta' appartamenti tinsab biswit l-ghalqa fejn kien hemm il-baskett bid-droga wara c-cint in kwistjoni. Dan jidher car mir-ritratti li jiffurmaw parti mir-rapport tal-Perit Nicholas Mallia (Dok. "NM" – *a fol.* 184 *et seq.*) u kif ukoll mir-ritratti li jiffurmaw parti mir-rapport ta' PS 385 Emanuel Dalli (Dok. "ED" – *Envelope Loose*).

Illi l-Ufficjali tal-Pulizija li xehdu f'dawn il-proceduri u li kienu qed josservaw il-basket li gie mpoggi fl-istess post wara c-cint wara li kien instab l-imsemmi basket minnhom kienu konsistenti f'dak li huma xehdu li raw lill-imputat jaghmel meta hu wasal fuq il-post u hareg mill-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBQ 586 li fiha kien hemm ukoll Greta Grassi.

Illi l-imputat jghid li l-gurnata ta' qabel huwa pogga l-basket biz-zibel fih wara c-cint minhabba dak li kien nghad lilu mill-gara tieghu. Huwa zied jghid li ma riedx ihalli l-basket biz-zibel fejn kien hallieh u jghid ukoll li l-ghalqa fejn kien dan il-basket in kwistjoni hija wahda abbandunata. Il-Qorti taqbel mal-fatt li l-ghalqa fejn thalla l-basket hija wahda abbandunata tant li waqt il-kontro-ezami tieghu, il-Perit Nicholas Mallia xehed hekk: *"Hija ghalqa fejn mhix mahduma jew ma hemm hadd jiehu hsiebha. Hemm diversi over growths u hemm hmieg akkumulat ta' diversi xhur"* (*a fol.* 183).

Illi meta l-Qorti fliet bir-reqqa l-filmat (Dok. "NB" – *a fol.* 68) migbud u pprezentat minn PC 213 Nikolai Borg jidher bic-car is-segwenti: l-imputat jidher javvicina c-cint u hekk kif wasal magenbu, huwa ggenneb b'tali mod li setgha jara x'hemm wara c-cint, di fatti jidher ihares l-isfel wara c-cint, imbaghad jidher jerga' jhares lura, f'liema hin rega' igenneb, tawwal idejh ix-xellugija u ha l-basket li l-kontenut tieghu gie mibdul u liema basket tpogga fl-istess post li kien tpogga l-basket li nstab li kellu d-droga fih. Mill-istess filmat jidher ukoll l-imputat li beda mixi bil-basket f'idejh, jidher ihares lura, jidher jerga' jhares il-quddiem waqt li kien mixi bil-basket f'idejh sejjer lejn id-direzzjoni tar-residenza tieghu u f'hin minnhom jidher jieqaf u jhares l-isfel lejn il-basket, u hekk kif dahar lura minn fejn kien gie hekk kif mexa ftit jidher jigi arrestat.

Illi mill-movimenti maghmula mill-imputat hekk kif avvicina c-cint u ttawwal u hekk kif deskritti hawn fuq, il-Qorti ssibha ferm difficli temmen lill-imputat meta fid-depozizzjoni tieghu huwa qal li mar jigbor il-basket biz-zibel li kien halla l-gurnata ta' qabel. Il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat m'huwiex kredibbli meta jghid hekk. Il-Qorti tistaqsi: kien hemm ghalfejn li l-imputat jiggenneb u jhares wara c-cint, ihares lura u mbaghad jerga' jiggenneb u jtawwal idejh biex igib basket, li skond hu kien biz-zibel, u waqt li kien mixi bih lejn id-dar jerga' jhares lura?!

Illi, b'zieda ma' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti tinnota li fir-rigward tas-sustanza li nstabet fir-residenza abbandunata li minnha kien hemm access minn tieqa fir-residenza tal-imputat liema tieqa

kien taghti ghal *shaft* li kien jaghti ghall-appartament l-iehor, it-tieqa ta' liema appartament l-iehor kienet imkissra, il-Qorti tinnota li l-Pulizija setghet tinnota komodina li kienet tinsab taht it-tieqa fir-residenza tal-imputat li taghti ghax-*shaft*, liema komodina kellha l-wicc sfrundat u li t-tarf tat-tieqa kien mikul qisu xi hadd rifes fuq it-tarf tat-tieqa biex jaccedi ghal gewwa tax-*shaft*. Da partu tieghu, il-Perit Nicholas Mallia li zamm access fuq il-post xehed hekk: *"L-appartament huwa abitabbli fis-sens li ma nahsibx li ghadda hafna zmien minn meta gie restawrat. Pero' adjacenti mieghu hemm blokka nistghu nghidu, jew ghall-inqas li rajt il-ground floor, appartamenti magenbu, huwa wiehed abbandunat"* (*a fol.* 181). Jispecifika li huwa kompletament abbandunat. Jghid: *"Jidher li hemm dan l-access jew din il-possibilita' li bniedem jaccedi mill-appartament ta' l-imputat ghal dan l-appartament"* (*a fol.* 181) u jghid li dan jista' jsir minn tieqa li semma. Jixhed: *"[K]ien pjuttost facli ghalija li ttawwalt go dan l-appartament u rajt li l-appartament jidher abbandunat. […] Il-bieb principali ta' dan l-appartament jew tal-blokka ta' magenbu ma deherx li kien sgassat jew miftuh ha nghidu hekk. Deher li kien maghluq. U anke t-twieqi dehru maghluqin u ma kienx hemm aperturi mkissrin. Pero' in all fairness ma pruvajtx nifthu l-bieb. At face value deher li kien appartament maghluq"* [emfazi mizjuda] (*a fol.* 182).

Illi l-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddubita mill-verzjoni moghtija mill-Pulizija fejn inghad li waqt li kienet qed issir tfittxija fl-appartament tal-imputat, hekk kif l-imputat talab li jidhol it-*toilet*, gie mitlub li jsir *strip search* fuqu u waqt li kien qed isir dan l-*istrip search*, l-imputat dahhal idejh fejn il-parti ntima tieghu, dahhal idejh got-*toilet* u flaxxja fl-istess hin. Di fatti meta tnehhew il-kaptelli tad-dranagg gew imtella' hames pakketti b'haxix ta' lewn ahdar fihom, liema haxix wara rrizulta li kien fih is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*. Jirrizulta li mill-kamra tal-banju giet elevata wkoll bicca raza li kienet taht is-*sink*.

Illi minkejja li fl-ezercizzju ta' ezami komparattiv li l-Espert Joseph Mallia gie nkarigat jaghmel fir-rapport tieghu (Dok. "JM 2" – *Envelope Loose*) jirrizulta li mill-impronti li kienu tajbin ghall-komparazzjoni l-ebda impronta ma qablet ma' dawk ta' l-imputat u minkejja li mir-rapport (Dok. "MB 1" – *a fol.* 202 *et seq.*) redatt minn

Dr. Martin Bajada ma jirrizulta xejn fir-rigward tal-imputazzjonijiet in ezami, pero' tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-verzjoni moghtija mill-imputat m'hijiex wahda kredibbli. Il-Qorti tasal ukoll ghal din il-konkluzjoni tenut kont tal-mod kif l-imputat ta d-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti (inkluz il-komportament tieghu) meta xehed.

Illi meta Greta Grassi giet mistoqsija tghid kinitx taf b'xi haga fuq id-drogi misjuba, hija wiegbet fin-negattiv bhal ma ghamlet meta giet mistoqsija tghid jekk lill-imputat qattx ratu jaghmel xi haga suspettuza tant li qalet ukoll li hi kienet tkun ix-xoghol u li ma tantx kienet tkun mal-imputat. Minkejja dan, il-fatt jibqa' li l-imputat ma kienx kredibbli meta xehed. Dan qieghed jinghad *stante* s-sejba tad-droga fil-basket wara c-cint, tant li l-ghada l-imputat mar, ittawwal, tawwal idejh biex igib il-basket, u dana b'zieda mad-droga li nstabet fl-appartament li kien hemm access ghalih mill-appartament fejn kien jirrisjedi l-imputat u kif ukoll dak li ghamel l-imputat meta kien qed isir *strip search* fuqu u dak li nstab meta nfethu l-kaptelli tad-dranagg. Dawn kollha jippuntaw ghal direzzjoni wahda biss u cioé li l-imputat ma kienx kredibbli fid-depozizzjoni moghtija minnu. Fir-rigward ta' Andy Zammit, u cioé ix-xhud prodott mill-imputat, il-Qorti tinnota li l-imsemmi Zammit ma qal xejn ta' sustanza li bih b'xi mod l-imputat setgha jigi emmnut.

Illi b'zieda ma' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti tinnota li fl-ewwel rapport tieghu (Dok. "GS" – *a fol.* 123 *et seq.*) ix-Xjenzat Godwin Sammut ikkonkluda s-segwenti:

(a) *"Illi fuq estratt mehuda mill-haxix ta' lewn ahdar li hemm fid-dokument 116_14_01 instabet is-sustanza <u>Tetrahydrocannabinol</u>. Il-piz total tal-haxix ta' lewn ahdar kien ta' <u>647 grammi</u> u l-purita' kienet ta' cirka <u>8.5%</u>. Din is-sustanza tigi mill-pjanta tal-Kannabis u hija kkontrollata bil-ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

(b) *Skond il-Malta National Report 2012 [ara Appendici I] il-prezz tal-Kannabis herb kull gramma huwa ta' €25. Il-piz*

*total tal-Kannabis herb huwa ta' 647 grammi li jaghti valur ta' €16,175"* (*a fol.* 127).

Illi fit-tieni rapport tieghu (Dok. "GS" – *Envelope Loose*) fejn ix-Xjenzat Godwin Sammut ghamel analizi ta' xi sustanzi li nstabu f'Mayfair Court, Triq il-Gejza, Swieqi, ix-Xjenzat Sammut ikkonkluda s-segwenti:

*(a) "Illi fuq estratti mehuda mis-sustanza ta' lewn kannella li hemm fid-dokumenti 176_14_01 u 176_14_02 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol sustanza li tigi mill-pjanta tal-Kannabis. Il-piz total tas-sustanzi kien ta' 598.07 grammi u l-purita' kienet ta' cirka 9.0%.*

*(b) Skond il-Malta National Report 2012 li huwa l-ahhar rapport li pprezentat Malta, il-valur ta' Kannabis resin huwa ta' €24 kull gramma. Il-piz total tal-Kannabis resin kien ta' 598.07 grammi u dan jaghti valur ta' €14,353.68.*

*(c) Illi fuq estratti mehuda mill-haxix ta' lewn ahdar li hemm fid-dokument 175_14_03 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol sustanza li tigi mill-pjanta tal-Kannabis. Il-piz total tal-haxix kien ta' 5.11 grammi u l-purita' kienet ta' cirka 7.0%. Din is-sustanza tigi mill-pjanta tal-Kannabis u hija kkontrollata bil-ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*(d) Skond il-Malta National Report 2012 li huwa l-ahhar rapport li pprezentat Malta, il-valur ta' Kannabis herb huwa ta' €25 kull gramma. Il-piz total tal-Kannabis herb kien ta' 5.11 grammi u dan jaghti valur ta' €127.75".*

Illi fit-tielet rapport tieghu (Dok. "GS 1" – *a fol.* 245 *et seq.*) fejn ix-Xjenzat Godwin Sammut kellu jaghmel analizi f'kampjun li kien ipprezerva PS 659 Jeffrey Hughes, ix-Xjenzat Sammut ikkonkluda s-segwenti:

*"(a) Illi fl-estratt mehuda mis-sustanza ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 045_15_01 instabet is-sustanza*

> *<u>Tetrahydrocannabinol</u>. Il-piz tas-sustanza kien ta' <u>0.10 grammi</u>. Din is-sustanza tigi mill-pjanta tal-Kannabis u hija kkontrollata bil-ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta".*

Illi l-Qorti ma tistax ma taghmilx riferenza ghal riferenza skoretta li saret mid-difiza fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha meta fl-imsemmija Nota hija tirreferi ghad-Digriet moghti fil-25 ta' Lulju 2016 mill-Qorti Kriminali. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet jinghad hekk: *"Illi kif gie osservat mill-Qorti Kriminali fid-digriet tal-25 ta' Lulju 2016, "ma tezisti ebda prova li tistabilixxi anke remotament xi ness bejn l-imputat u t-tieni sejba tad-droga ta' madwar sitt mitt gramma fl-appartament biswit dak fejn kien jirrisjedi l-imputat""* (*a fol.* 464). Fl-istess Nota ta' Sottomissjonijiet, id-difiza tishaq ukoll: *"Illi ghalhekk hu nkoncepibbli illi l-esponent jista' jinsab hati ta' pussess aggravat marbuta mat-tieni sejba tad-droga Kannabis, u dan in kwantu – fi kliem il-Qorti Kriminali stess – il-Prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova illi tistabilixxi ness, "anke remotament" mal-esponent"* (*a fol.* 465). Dawn ir-riferenzi huma kompletament skorretti u dana *stante* li fid-Digriet moghti mill-Qorti Kriminali, il-Qorti Kriminali <u>fl-ebda mument</u> ma qalet dak li gie kwotat hawn fuq fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza. Il-Qorti Kriminali ghamlet **<u>BISS</u>** riferenza ghal dak li kien qed jishaq ir-rikorrenti *ossia* l-imputat. *Di fatti*, il-Qorti Kriminali tghid: *"ir-rikorrenti minn naha tieghu jishaq illi ma tezisti l-ebda prova fl-atti, (issa li jidher illi l-Prosekuzzjoni wasslet biex taghlaq il-gbir tal-provi fl-istruttorja), li tistabilixxi anke remotament xi ness bejn l-imputat u t-tieni sejba ta' droga ta' madwar sitt mitt gramma fl-appartament biswit dak fejn kien jirrisjedi l-imputat"* (*a fol.* 369-370). Fid-Digriet taghha, il-Qorti Kriminali gustament irriteniet is-segwenti: *"Dan ifisser illi l-kompitu ta' din il-Qorti huwa kemmxejn iktar iebes billi allura trid necessarjament tidhol fl-apprezzament ta' provi, haga li ma ghandux ikun rimess ghal gudizzju taghha f'dan l-istadju!"* (*a fol.* 370). Il-Qorti tishaq li kwalunkwe sottomissjoni li ssir quddiemha, kemm mill-Prosekuzzjoni u kif ukoll mid-difiza, ghandha tkun sottomissjoni bbazata fuq dak li jirrizulta mill-atti minghajr ma' l-Qorti tigi b'xi mod zvijata jew b'xi mod tinghata informazzjoni skorretta!

Illi, minkejja dak kollu li nghad fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza (*a fol.* 455 *et seq.*), in segwitu ta' dak kollu li nghad hawn fuq,

inkluz il-gurisprudenza kkwotata aktar-il fuq, id-depozizzjonijiet moghtija mix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni f'dawn il-proceduri u kif ukoll mill-konkluzjonijiet raggunti mix-Xjenzat Godwin Sammut fir-rapporti tieghu, mehud in konsiderazzjoni wkoll ta' dak li nstab u li gie elevat u l-ammont ta' droga misjuba, il-Qorti ma ghandu jkollha l-ebda dubju li l-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni addebitati fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghhom.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Recidiva)</u>:**
Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li sar recidiv b'sentenza moghtija fit-30 ta' Ottubru 2013 mill-Magistrat Dr. Anthony J. Vella. Il-Qorti tinnota li l-atti processwali jikkontjenu vera kopja tas-sentenza moghtija fit-30 ta' Ottubru 2013 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, liema sentenza giet immarkata bhala Dok. "NSA" (*a fol.* 255) u dana b'differenza ta' dik li giet immarkata bhala Dok. "NS" (*a fol.* 138) li ma jirrizultax li hija vera kopja u ghalhekk il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tiehu konjizzjoni taghha *stante* li m'hijiex l-ahjar prova u dana b'differenza ghal dik immarkata bhala Dok. "NSA" (*a fol.* 255).

Illi l-Qorti tinnota li l-konnotati u n-numru tal-Karta tal-Identita' tal-persuna kontra min inghatat is-sentenza li ssir riferenza ghaliha fil-paragrafu precedenti (Dok. "NSA" – *a fol.* 255) huma identici ghal dak tal-imputat fil-kawza odjerna u b'hekk il-Qorti ma ghandu jkollha l-ebda dubju li din is-sentenza giet moghtija kontra l-imputat fil-kaz odjern. Ma' dan il-Qorti zzid ukoll li huwa bizzejjed li tigi ezebita vera kopja tas-sentenza in kwistjoni u f'kaz li s-sentenza ma jkollhiex fiha l-konnotati tal-persuna kontra min inghatat, huwa necessarju li jixhed l-Ufficjal Prosekutur tal-kawza *per se* sabiex jidentifika lill-imputat bhala l-persuna kontra min inghatat din is-sentenza, haga li ma tkunx necessarja fil-kaz li s-sentenza jkollha fiha l-konnotati tal-persuna kontra min tkun inghatat liema konnotati ghandhom ikunu jaqblu ma' dawk tal-kawza, bhal fil-kaz odjern. B'zieda ma' dan, il-Qorti tinnota li tali

sentenza tinsab elenkata wkoll fil-fedina penali (Dok. "B" – *a fol.* 7) tal-imputat li giet ezebita mill-Prosekuzzjoni.

Illi, in segwitu ta' dak kollu li nghad hawn fuq, inkluz dak li rriteniet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza taghha moghtija fit-23 ta' Ottubru 2006 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Salvatore Scicluna**, il-Qorti tinnota li t-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet ukoll sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghha wkoll b'dan illi l-imputat ser jigi kkunsidrat li huwa recidiv biss *ai termini* ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana *stante* li fis-sentenza mmarkata bhala Dok. "NSA" (*a fol.* 255) l-imputat gie kkundannat ghall-hlas ta' multa u ma giex pruvat jekk din il-multa gietx imhallsa u b'hekk ma jirrizultax li l-piena giet skontata skond kif jirrikjedi Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.[1]

**Ikkunsidrat**

Illi huma l-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tal-imputat li gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jinstab hati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tieghu.

Illi, dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu, il-Qorti tinnota li fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Novembru 2006 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Rene sive Nazzareno Micallef** inghad is-segwenti:

> "Il-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta'.

[1] *Vide* sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' Lulju 2015 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Said.**

> Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta' dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena".

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabbilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu. Ghalhekk jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u *entro* dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' tittratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita' tippronunzja ruhha l-Qorti tal-Appell Kriminali. Fis-sentenza moghtija fit-13 ta' Novembru 2009 fil-kawza **Il-Pulizija vs. Maurice Agius** dik il-Qorti qalet hekk:

> "Huwa car [....] li l-ewwel haga li Qorti trid tiddeciedi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mil-ligi stess) mizuri bhal ordnijiet maghmula taht l-Att dwar il-*Probation* jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-Gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioé biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-Gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-

subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza *o meno*. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-Gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioé biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi *o meno* tali piena (ghal perjodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni [...]; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, ikun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-perjodu operattiv taghha (cioé ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati)".

Filwaqt illi din il-Qorti tikkondividi ma' dan il-hsieb espost hawn fuq, fl-istess hin tinnota li kull kaz irid jigi determinat a bazi tac-cirkostanzi partikolari tieghu. *Di fatti*, apparti li l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni dak kollu li nghad hawn fuq, ser tiehu wkoll in konsiderazzjoni s-segwenti:

- in-natura tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tal-imputat li gew kollha kemm huma sodifacentement pruvati u n-natura serja taghhom, b'mod partikolari dawk li jemergu mill-ewwel (1) u mit-tieni (2) imputazzjoni;

- il-fedina penali (Dok. "B" – *a fol.* 7) tal-imputat li hija wahda pratikament nadifa;

- l-ammont ta' droga misjub, li m'huwiex wiehed zghir; u

- l-fatt li l-verzjoni moghtija mill-imputat ma gietx emnuta mill-Qorti.

Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ser tikkundanna lill-imputat ghall-piena ta' prigunerija effettiva u ghall-hlas ta' multa.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat

Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

Artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u

Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Ligijiet ta' Malta,

issib lill-imputat AlnaFouri Mohamad Nour hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' erba' (4) snin u sitt (6) xhur prigunerija u kif ukoll ghall-hlas ta' multa ta' hamest'elef Euro (€5000.00).

*Ai termini* ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati AlnaFouri Mohamad Nour sabiex fi zmien sena millum ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-proceduri u cioé is-somma ta' erbat'elef, tliet mija u sebgha u tletin Euro u sebgha u erbghin centezmu (€4337.47).[2] Ghal kull buon fini, il-Qorti tinnota li mhijiex ser tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez relatati mar-rapport immarkat bhala Dok. "MB 1" (*a fol.* 449 *et seq.*) u dana *stante* li l-imputat kellu kull dritt li jkollu kopja digitali ta' Dok. "NB" (*a fol.* 68).

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita (u tal-affarijiet relatati maghha) hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan

[2] PS 122 Arthur Borg (Dok. "AB" – *a fol.* 78) (€20.96); Xjenzat Godwin Sammut (Dok. "GS" – *a fol.* 127 *tergo*) (€155.47); Perit Nicholas Mallia (Dok. "NM" – *a fol.* 185 *tergo*) (€618.13); Dr. Martin Bajada (Dok. "MB 1" – *a fol.* 205 *tergo*) (€356.25); PS 186 Kristian Mintoff (Dok. "KM" – *a fol.* 229) (€29.10); Xjenzat Godwin Sammut (Dok. "GS 1" – *a fol.* 249 *tergo*) (€156.88); PS 385 Emanuel Dalli (Dok. "ED" – l-ewwel pagna tar-rapport li jinsab go *Envelope Loose*) (€170.44); PS 659 Jeffrey Hughes (Dok. "JH" – *a fol.* 8 tar-rapport li jinsab go *Envelope Loose*) (€279.24); PS 659 Jeffrey Hughes (Dok. "JH" – *a fol.* 4 tar-rapport li jinsab go *Envelope Loose*) (€74.50); Joseph Mallia (Dok. "JM 2" – l-ahhar pagna tar-rapport li jinsab go *Envelope Loose*) (€474.94); Xjenzat Godwin Sammut (Dok. "GS" - *a fol.* 7 *tergo* tar-rapport li jinsab go *Envelope Loose*) (€307.27); Dr. John Seychell Navarro (Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali) (Dok. "JSN" – *a fol.* 42 tar-rapport li jinsab go *Envelope Loose*) (€1694.29).

taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Finalment, il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli ohra tal-hati.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**